PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

16.1.2008

DOKUMENT TA' ĦIDMA Nru 2

dwar ir-rapport annwali 2006 rigward l-aċċess għad-dokumenti ta' l-UE (Art. 17 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u Art. 97 p. 7 tar-regoli tal-PE)

Parti B

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Marco Cappato

III ANALIŻI KOMPARATTIVA TAR-RAPPORTI ANNWALI 2006 TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA U TAL-KUMMISSJONI EWROPEA RIGWARD AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI SKOND IR-REGOLAMENT (KE) 1049/2001

L-Artikolu 17 jesiġi li kull istituzzjoni tippubblika rapport annwali dwar l-applikazzjoni tar-Regolament. Barra minn dan, il-Kummissjoni kienet obbligata li tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji tar-Regolament u li tagħmel rakkomandazzjonijiet, u dan għamlitu fil-bidu ta' l-2004. L-informazzjoni li fihom dawn ir-rapporti, għalkemm mhijiex estensiva daqs kemm setgħet kienet, tipprovdi bażi utli għall-evalwazzjoni tal-mod kif l-istituzzjonijiet[1] applikaw ir-Regolament.

Aċċess għal dokumenti pubbliċi permezz tar-reġistri

Fi tmiem is-sena 2006, ir-reġistru tal-Parlament Ewropew kien fih 165139 referenza (1021599 fajl), li 90% minnhom kienu aċċessibbli direttament (setgħu jitniżżlu) bl-Internet. L-għadd ta' tiftix mill-websajt qed jiżdied għal 1500 kull ġurnata[2] (minn 1000 fl-2005).

Ir-reġistru tal-Kunsill jippermetti aċċess għat-test sħiħ tad-dokumenti li skond ir-Regola tal-Proċedura tal-Kunsill (Artikolu 11, Anness II), "iridu jsiru disponibbli direttament għall-pubbliku hekk kif jiġu ċirkolati. Fl-aħħar ta' l-2006, ir-reġistru tal-Kunsill kellu lista ta' 849117-il dokument, li 68.7% minnhom kienu pubbliċi, jiġifieri jew kienu disponibbli taħt format li seta' jitniżżel bl-internet jew kienu disponibbli fuq talba (20816-il dokument). Dan irrappreżenta żieda ta' 22.8% fl-għadd ta' dokumenti li saret referenza għalihom, u żieda ta' 38.3% fl-għadd ta' dokumenti disponibbli direttament permezz tar-reġistru. Barra minn dan, ir-reġistru kien fih 14763 dokument ikkodifikati P/A (jiġifieri parzjalment aċċessibbli) li jinkludu 2133 li kienu aċċessibbli mill-internet (on-line). In-numru totali ta' żjarat żdied b'61.8%, li jirrappreżenta aktar minn 4780 żjara kull jum[3].

Fi tmiem is-sena 2006, fir-reġistru tal-Kummissjoni kien hemm reġistrati 73708 dokument u huwa importanti li wieħed jinnota li ebda dokument[4] sensittiv ma daħal fir-reġistru. L-istatistika dwar il-konsultazzjoni tal-Ftuħ u Aċċess għad-Dokumenti fuq il-websajt Europa turi medja ta' 5937 viżitatur kull xahar.

Ir-Regolament ma jiddefinix il-kategoriji ta' dokumenti li għandhom jidħlu fir-reġistri u ma jobbligax lill-istituzzjonijiet li jagħmlu disponibbli reġistru li jkopri d-dokumenti kollha tagħhom. Tabilħaqq, ir-reġistri jkollhom fihom dokumenti li ma jkunux aċċessibbli, filwaqt li ħafna dokumenti li jistgħu jintalbu ma jkunux inklużi fihom. Din toħloq problema għax b'hekk ikun diffiċli għal ċittadin li jkun jaf liema dokumenti fil-fatt jeżistu biex ikun jista' jitlobhom. Barra minn dan, huwa interesssanti li wieħed jinnota li aktar minn terz tad-

[1] Għandu jkun hemm Att dwar il-libertà ta' l-informazzjoni għall-UE?, Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess għal dokumenti, ECAS Settembru 2006, p.6

[2] Abbozz tar-Rapport Annwali 2006 tal-PE dwar l-aċċess pubbliku ta' dokumenti (skond l-Artikolu 97 (7) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Parlament Ewropew), p.5

[3] Rapport Annwali tal-Kunsill dwar l-aċċess għad-dokumenti 2006, p.9

[4] "Dokumenti Sensittivi" definiti fl-Artikolu 9 tar-Regolament 1049/2001. Huma dawk li jitniżżlu fir-reġistru biss bil-kunsens ta' min ikun oriġinahom, ara Art. 9(3).

dokumenti tal-Kunsill mhumiex aċċessibbli mir-reġistru.

Dwar il-Kummissjoni, huwa importanti li wieħed juri li r-rapport annwali dwar l-aċċess għad-dokumenti ta' l-2005 sar disponibbli biss f'Settembru ta' l-2005 u dak ta' l-2006 ġie ppubblikat fl-aħħar ta' l-2007[5]. F'termini ġenerali u wkoll jekk wieħed jikkunsidra r-rapporti annwali tal-Kummissjoni għas-snin ta' qabel, wieħed jista' jinduna li r-reġistru tal-Kummissjoni huwa l-inqas komprensiv, sa ċertu punt minħabba l-ammont enormi ta' dokumenti li għandu u l-organizzazzjoni deċentralizzata. Il-biċċa l-kbira tax-xogħol ta' tħejjija tal-Kummissjoni huwa mħolli barra. Il-Kummissjoni għandha issa tiżgura li jkollha reġistru wieħed li jkun aġġornat u li ma jkun jonqsu xejn, billi talloka għalih ir-riżorsi neċessarji finanzjarji, umani u ta' l-IT. Barra minn dan, it-tendenza li twassal għat-tkattir ta' reġistri li teżisti bħalissa ma tistax tiġi appoġġjata għaliex din toħloq biss ostaklu ieħor għaċ-ċittadini biex ikollhom aċċess għad-dokumenti. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll li l-fatt li jkollha reġistru kif għandu jkun u billi tiżgura li jkun hemm trasparenza u xejn ħabi, dan inaqqas ix-xogħol amministrattiv tal-Kummissjoni[6].

Analiżi ta' l-applikazzjonijiet għall-aċċess

L-għadd kollu ta' applikazzjonijiet lill-Parlament Ewropew żdied minn 1814 fl-2005 għal 1917 fl-2006, jiġifieri żieda ta' 5.5%. It-talba għal aċċess għal dokumenti mhux pubbliċi tinsab stabbli fil-livell ta' 15% ta' l-applikazzjonijiet: din tikkonċerna ittri, dokumenti ta' komitoloġija u dokumenti tal-Bureau. Kien hemm 5 talbiet konfermattivi li waslu fl-2006, u ilment wieħed intbagħat lill-Ombudsman Ewropew[7].

Min-naħa l-oħra, fl-2006 l-Kunsill irċieva 2224 talba mill-pubbliku għall-aċċess għal total ta' 11353 dokument, li minnhom 9606 ntwerew kompletament jew intweriet parti minnhom[8]. L-oqsma ta' interess l-aktar rikjesti kienu l-ġustizzja u l-intern (24,5%), ir-relazzjonijiet barranin (CFSP), l-ambjent, il-biedja u s-sajd, il-kompetittività u s-suq intern li kollha f'salt kienu jagħmlu aktar minn 60% ta' l-applikazzjonijiet[9].

Rigward il-Kummissjoni, l-għadd ta' talbiet żdied minn 3396 fl-2005 għal 3841 fl-2006, jiġifieri żieda ta' 13.10%. Rigward l-oqsma ta' interess, huwa importanti li wieħed jinnota li l-għadd ta' talbiet dwar kwistjonijiet ġudizzjarji kważi rdoppja u dan il-qasam flimkien ma' dawk tal-kompetizzjoni, l-ambjent, is-suq intern u t-trasport u l-enerġija jilħqu bejniethom għal kważi 40% tat-talbiet[10].

L-għadd ta' talbiet żdied minn sena għal oħra; dan juri interess li dejjem qed jikber fl-aċċess għal dokumenti ta' l-EU. Madankollu, jidher ċar ukoll mir-rapporti annwali li l-parti l-kbira tal-benefiċjarji ta' l-aċċess għas-sistema ta' dokumenti jappartienu lil gruppi speċifiċi ħafna:

[5] Rapport mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni fl-2006 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 rigward l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, KUMM (2007) 841
[6] Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001 rigward l-aċċess għad-dokumenti, ECAS Settembru 2006, p. 8
[7] Abbozz tar-Rapport Annwali 2006 tal-PE dwar l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti (skond l-Artikolu 97 (7) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Parlament Ewropew), p. 6
[8] Rapport Annwali tal-Kunsill dwar l-aċċess għad-dokumenti 2006, p. 12
[9] Rapport Annwali tal-Kunsill dwar l-aċċess għad-dokumenti 2006, tabella 12 p. 34
[10] Rapport Annwali tal-Kummissjoni għall-2006, p. 3 u tabella p. 14

riċerkaturi, *lobbies* u avukati eċċ [11]. L-analiżi ġeografika tat-talbiet turi li ħafna minnhom għamluhom persuni jew entitajiet stabbiliti fil-Belġju (xi 17-20% tat-talbiet f'kull waħda mit-tliet istituzzjonijiet) u l-biċċa l-kbira tat-talbiet ġew mill-Istati Membri l-aktar popolati, jiġifieri l-Ġermanja, Franza, l-Italja, ir-Renju Unit, l-Olanda u Spanja, li kollha flimkien ammontaw għal aktar min-nofs tat-talbiet kollha[12]. L-UE hija struttura komplessa u għal din ir-raġuni d-dokumenti ħafna drabi huma speċjalizzati b'mod inerenti. Għalhekk il-biċċa l-kbira tat-talbiet jagħmluhom esperti, li għall-pubbliku ġenerali jkun ta' benefiċċju b'mod indirett biss, meta pereżempju organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jippruvaw jinfluwenzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet. Id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti huwa dritt għal kull ċittadin, u sabiex il-pubbliku jsir aktar konxju tad-drittijiet tiegħu, għandu jkun hemm kampanja ta' informazzjoni[13].

Persentaġġi ta' risposti pożittivi għat-talbiet

Fl-2006, 283 talba kienu dwar dokumenti tal-Parlament Ewropew li ma kinux ġew pubblikati qabel. Il-persentaġġ ta' risposti pożittivi laħaq is-87% mqabbel mat-80% tas-sena ta' qabel[14].

Fil-Kunsill, intalbu 11353 dokument fl-2006, b'persentaġġ ta' aċċess ta' 76.8% jew 87.7% jekk wieħed jgħodd wkoll id-dokumenti approvati għal aċċess parzjali[15]. Filwaqt li l-għadd ta' talbiet kien qed jiżdied, ir-rata tal-wiri ta' dokumenti kemm għall-Parlament Ewropew u kemm għall-Kunsill baqgħet bejn wieħed u ieħor l-istess.

Rigward il-Kummissjoni, huwa interessanti li wieħed jinnota li r-rata ta' wiri ta' dokumenti kienet qed tonqos minn mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament. Taħt ir-regoli u l-kodiċi tal-kondotta ta' qabel, qabel ma ġie introdott ir-Regolament, ir-rata tal-wiri kienet ta' 80-90%. Issa r-rata tal-wiri għall-Kummissjoni qed tilħaq mas-70% jew żewġ terzi. B'mod partikolari għall-2006, 73.83% tal-każi intwerewlhom dokumenti sħaħ; dan jiddetermina żieda mqabbel ma' l-64.43% ta' l-2005 filwaqt li aċċess parzjali għad-dokumenti niżel minn 3.65% fl-2005 għal 2.94% fl-2006[16].

Raġunijiet għar-rifjut

F'termini ġenerali, ir-raġuni għal rifjut li tingħata l-aktar ta' spiss hija l-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, li jammonta għal 43.2% fil-Kunsill u għal 39% fil-Parlament Ewropew (peress li aktar u aktar dokumenti rigward deċiżjonijiet dwar komitoloġija jintalbu qabel ma jkunu jistgħu jiġu kkomunikati lill-pubbliku) u 33, 36% fil-Kummissjoni. Bħala raġunijiet li jingħataw l-aktar ta' spiss wara din jiġu l-protezzjoni tal-ħajja privata u ta' l-integrità ta' l-individwu (24%) u l-protezzjoni ta' proċeduri ġudizzjarji u ta' l-opinjonijiet legali (24%)[17]. Fil-Kunsill, il-protezzjoni ta' l-interess pubbliku rigward is-sigurtà pubblika

[11] Ara l-Abbozz tar-Rapport Annwali tal-PE ta' l-2006 p.6 u r-Rapport Annwali tal-Kunsill ta' l-2006 dwar l-aċċess għad-dokumenti, p. 12, ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni għall-2006, p. 3 u t-tabella 8 p. 12.
[12] Ir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni għall-2006, p. 3 u t-tabella p. 13, l-Abbozz tar-Rapport Annwali tal-PE tabella 6 p. C, ir-Rapport Annwali tal-Kunsill ta' l-2006 dwar l-aċċess għad-dokumenti, p. 33
[13] Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti, ECAS Settembru 2006, p. 6
[14] Abbozz tar-Rapport Annwali ta' l-2006 p. 7
[15] Rapport Annwali tal-Kunsill ta' l-2006 dwar l-aċċess għad-dokumenti, p. 14
[16] Rapport Annwali tal-Kummissjoni għall-2006, p. 4 u tabella 3 p. 10
[17] Abbozz tar-Rapport Annwali tal-PE ta' l-2006 p. 8

tiġi fit-tieni post (17.1%) qabel ir-relazzjonijiet internazzjonali (12.3%) u l-kwistjonijiet dwar id-difiża u l-militar (4.5%)[18]. Ir-rapport Annwali tal-Kummissjoni ta' l-2006 jiddikjara li ż-żewġ raġunijiet ewlenin tar-rifjut ta' applikazzjoni inizjali huma: a) il-protezzjoni ta' l-iskop ta' l-ispezzjonijiet, l-investigazzjonijiet u l-verifiki (30.72% tar-rifjuti kontra l-41.80% ta' l-2005; b) il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (19.6% għall-każi rigward opinjonijiet għall-użu intern u 14.30% għall-każi fejn kienet għad trid tittieħed deċiżjoni, għat-total ta' 33.36% tar-rifjuti[19]). Huwa wkoll importanti li wieħed jinnota li sa dan l-aħħar ftit żmien, ir-raġuni ewlenija li għaliha l-Kummissjoni kienet tirrifjuta dokumenti kienet kontinwament tkun l-eċċezzjoni marbuta ma' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki, li kienet tammonta għal terz tar-rifjuti. Dan jiġri minħabba fin-numru kbir ta' talbiet relatati mal-ksur tal-proċeduri u ma' każi dwar kompetizzjoni[20].

L-użu ta' eċċezzjonijiet differenti mill-istituzzjonijiet fih innifsu ma jwassal għal ebda konklużjoni iżda sempliċement jirrifletti l-irwoli differenti tagħhom. Huwa importanti li l-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw sistematikament xi eċċezzjonijiet biex jirrifjutaw dokumenti, għax dan ikun qed imur kontra l-għan ewlieni tar-Regolament, jiġifieri mhux biss "l-aċċess l-aktar wiesa' possibbli għal dokument" iżda wkoll il-ħolqien tal-bażi għall-libertà ġenwina ta' l-informazzjoni.

IV SOMMARJU TAL-PROPOSTI DWAR KIF TISTA' TITJIEB IL-LEĠIŻLAZZJONI KURRENTI TA' L-UE SABIEX L-UE SSIR AKTAR TRASPARENTI GĦALL-PUBBLIKU

Diġà fl-2004 Michael Cashman[21] kien identifika fir-rapport tiegħu xi nuqqasijiet fl-ambitu tat-trasparenza fl-UE. Bl-għarfien tal-fatt li kien sar progress rigward l-għadd ta' dokumenti aċċessibbli, huwa jqis li r-Regolament għandu jiġi emendat kif ġej:
- Billi jiġi definit mill-ġdid il-kunċett ta' "dokument leġiżlattiv" jiġifieri, li jiġi riżervat biss għal liġi sekondarja b'bażi legali ċara fit-Trattati;
- Għandu jingħata aċċess għad-dokumenti kollha ta' tħejjija, għad-dibattiti tal-Parlament u tal-Kunsill u dokumenti relatati, għall-identitajiet ta' l-awturi ta' inizjattivi u emendi formali, għal dokumenti komplementari relatati mal-laqgħat ta' gruppi ta' ħidma, kif ukoll għall-kontribuzzjonijiet imressqa mis-segretarjati;
- Għandhom isiru pubbliċi l-proċeduri istituzzjonali relatati mat-trattament ta' dokumenti li mhumiex leġiżlattivi;
- Dokumenti regolatorji għandhom isiru aċċessibbli fuq l-istess bażi tad-dokumenti leġiżlattivi;
- Għandu jkun limitat id-dritt ta' l-Istati Membri li jillimitaw l-aċċess għall-kontribuzzjonijiet/emendi tagħhom rigward proċeduri leġiżlattivi/regolatorji;
- Għandu jiġi żgurat li dokumenti ma jkunux klassifikati bħala konfidenzjali bħala xi ħaġa li s-soltu ssir, billi tkun definita b'mod aktar ċar il-bażi li fuqha dokumenti jistgħu jiġu klassifikati bħala konfidenzjali jew bħala limitati għad-distribuzzjoni tagħhom;
- Ir-reġistri għandhom jiġu organizzati mill-ġdid sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jsibu l-istess

[18] Rapport Annwali tal-Kunsill ta' l-2006 dwar l-aċċess għad-dokumenti, p 15
[19] Rapport Annwali tal-Kummissjoni għall-2006, p. 4 u tabella 6 p. 11-12.
[20] Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001 rigward l-aċċess għad-dokumenti, ECAS Settembru 2006, p. 7
[21] Rapport ta' Cashman dwar Inizjattiva b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni rigward l-aċċess għat-test ta' l-istituzzjonijiet (2004/2125 INI)

funzjonalità fit-tlieta li huma kollha.

Konklużjonijiet tar-rapport tas-Servizz ta' Azzjoni taċ-Ċittadini Ewropej (ECAS) Settembru 2006

- Il-bżonn li jiġu mtejba r-reġistri u s-sistemi ta' klassifikazzjoni sabiex iċ-ċittadin ordinarju jkun jista' jagħmel aktar użu minnhom;
- Aktar riżorsi għandhom jiġu allokati biex il-pubbliku jkollu informazzjoni dwar id-dritt tiegħu għall-aċċess għad-dokumenti ta' l-UE;
- Għandhom jiġu inklużi d-dokumenti li joħorġu minn entitajiet speċjali jew minn gruppi ta' esperti ta' livell għoli;
- Għandhom jinħolqu linji li jifirdu bejn dokumenti leġiżlattivi, dawk mhux leġiżlattivi u dawk regolatorji u fl-istess ħin ikun hemm aktar ċarezza rigward il-bażi għall-klassifiki ta' dokumenti "konfidenzjali", "limitati" u "sensittivi";
- Kull DĠ tal-Kummissjoni għandu jkollu reġistru. Ir-reġistri tat-tliet istituzzjonijiet jistgħu jkollhom referenzi għal dokumenti relatati ta' istituzzjonijiet oħra minn stadji differenti tat-teħid ta' deċiżjoni, u b'hekk isir aktar faċli għaċ-ċittadini li jsegwu l-proċess;
- Għandu jkun hemm aktar koperazzjoni interistituzzjonali rigward statistika ta' informazzjoni u rappurtaġġ;
- Jeħtieġu jiġu ċċarati r-regoli rigward dokumenti li joriġinaw mill-Istati Membri u minn terzi;
- Jeħtieġ jiġi ċċarat l-"interess pubbliku predominanti", kif ukoll iċ-ċirkostanzi fejn l-applikanti li jużawh ikollhom il-possibilità li jużawh b'suċċess;
- Piż amministrattiv mhux eċċezzjoni li nsibuh fir-Regolament, u lanqas għandu jkun hekk, u għalhekk ma jistax jintuża biex l-aċċess jiġi miċħud. F'każijiet bħal dan, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu aktar vantaġġ mill-Artikolu 6 u għandhom jippruvaw isibu 'soluzzjoni ġusta ma' l-applikant, minflok ma jiċħdu l-aċċess għal dokumenti aċċessibbli.

Tweġiba ta' l-Ombudsman Ewropew għall-Green Paper tal-Kummissjoni[22]

- Li jiġi speċifikat fir-Regolament 1049/2001 li riżorsi xierqa jkunu meħtieġa "biex jitpoġġa fil-prattika l-prinċipju ta' trasparenza" u jiġu żgurati l-"effiċjenza, l-effettività u t-trasparenza" ta' l-istituzzjonijiet u ta' l-entitajiet ta' l-Unjoni.

- Li l-interazzjonijiet bejn il-livelli differenti fl-Unjoni jsiru aktar trasparenti għaċ-ċittadin (b'mod partikolari bejn il-livell nazzjonali u dak Ewropew rigward id-"dritt għall-veto" ta' l-Istati Membri għall-aċċess pubbliku).

- Li jiġi speċifikat li l-Istat Membru jrid jiddikjara r-raġunijiet tan-nuqqas ta' żvelar u li l-istituzzjonijiet iridu jikkomunikawhom lill-applikant.

- Li jinħoloq grupp ta' ħidma indipendenti bi status konsultattiv, li jittratta l-aċċess għal dokumenti u informazzjoni relatati ma' l-UE fl-Istati Membri, "li jista' jkun kompost minn rappreżentanti ta' kummissarji għall-informazzjoni jew entitajiet simili fl-Istati Membri u

[22] Tweġiba ta' L-Ombudsman Ewropew, P. Nikiforos Diamandouros, għall-Green Paper tal-Kummissjoni "Aċċess tal-Pubbliku għad-Dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea: Reviżjoni" http://www.ombudsman.europa.eu/letters/en/20070711-1.htm

mill-Ombudsman Ewropew bħala entità analoga fil-livell ta' l-Unjoni".

- Li jiġi estiż il-limitu ta' żmien mogħti biex jitwieġbu t-talbiet għal 30 ġurnata tax-xogħol (Artikolu 8 tar-Regolament).

- Li jiġi speċifikat il-kunċett ta' "dokumenti leġiżlattivi li għandu jkun definit b'aktar preċiżjoni fit-Trattat tal-futur, filwaqt li wieħed għandu jżomm f'moħħu li "ċ-cittadin għandu wkoll interess leġittimu li jkun jista' jimmonitorja l-eżerċizzju tas-setgħat amministrattivi u regolatorji mogħtija lill-awtoritajiet pubbliċi".

- Li jiġu speċifikati fir-Regolament "il-prinċipji rigward it-tipi ta' dokumenti li jridu jiġu reġistrati u li kull istituzzjoni tkun obbligata li tadotta u tippubblika regoli interni aktar speċifiċi għall-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji".

- Li tiġi inkoraġġita disseminazzjoni aktar attiva ta' dokumenti, u biex isir dan "ikun utli li kull istituzzjoni u entità tadotta u tippubblika skeda ta' pubblikazzjoni, fejn tfisser il-politika tagħha rigward pubblikazzjoni elettronika u konvenzjonali tal-materjal, inkluża l-lingwa tal-pubblikazzjoni" (sabiex ir-regoli tat-tħaddim tar-reġistri jsiru magħrufa u definiti aħjar).

- Li tissemma fir-Regolament 1049/2001 il-Konvenzjoni Aarhus (rigward l-aċċess għall-informazzjoni fil-kwistjonijiet ambjentali) mingħajr ma tiġi integrata.

- Li tiġi ċċarata fi premessa ġdida tar-Regolament l-interazzjoni mal-protezzjoni tad-dejta personali b'dan il-mod: "il-privatezza u l-konfidenzjalità kummerċjali huma interessi leġittimi li jillimitaw l-aċċess pubbliku. Madankollu, l-istess persuna, fl-ambitu tal-privatezza u ta' l-interessi kummerċjali tagħha, m'għandhiex tiċċaħħad milli jkollha aċċess fuq din il-bażi".

- Li jiġi ċċarat li għandhom isiru eżerċizzji ta' bbilanċjar fil-każ li jkunu involuti interessi kummerċjali u ekonomiċi ta' terzi.

- Għandu jiġi kkunsidrat il-bżonn ta' trasparenza fid-disinn u l-operazzjoni ta' *databases*. Madankollu: "li jiġi limitat id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni li tista' titniżżel b'għodod eżistenti ta' tiftix ikun riskju li jdgħajjef l-utilità tad-dritt ta' aċċess".

- Li tiġi eskluża l-possibilità li jiġu applikati l-eċċezzjonijiet għal xi żmien partikolari.